KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 45**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Carmen Borg - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Vincent Bonello – Vici Sindku
Jurgen Carl Grixti –Kunsillier
Antonello Cuschieri - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

45.1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 44 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

45.1.2 **Ittri ta' Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier Vincent Bonello li jinsab ma jiflaħx, filwaqt li l-Kunsillier Antonello Cuschieri u l-Kunsillier Jurgen Carl Grixti jinsabu imsiefra.

Il-Kunsill approva l-ittri ta' apoloġija.

## 45.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.2.1 Is-Sindku nfurma li l-pjanti mogħtija taħt il-proġett Urban Greening tqassmu kollha u l-proġett intlaqa' tajjeb ħafna. Fil-fatt hemm talba mir-residenti għal aktar pjanti. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li anke hu ġie avviċinat mir-residenti ta' Triq il-Franġiskani fejn talbu li l-area tagħhom tizzejjen bil-pjanti. Is-Sindku spjega li f'din iz-zona sar taħwil ta' siġar fi Ġnien Salvinu Spiteri.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li r-residenti ta' Block H irringrazzjaw lill-Kunsill tal-pots li saru fejn l-entratura tal-blokk imsemmi.

45.2.2 Is-Sindku nfurma li l-eżerċizzju tal-qbid tal-ħamiem inbeda u minn fuq il-Knisja ta' San Gejtanu sejjer tajjeb ħafna. Iz-zona l-oħra magħżula kien hemm xi diffikultajiet għax il-bejt mhux daqshekk ideali. Is-Sindku nfurma li tkellem mal-Little Sisters of the Poor u jidher li huma nteressati li joffru spazju minn fuq il-bejt tagħhom. Is-Sindku nfurma li min qed jagħmel dan l-eżerċizzju qallu li fil-lokalita' hawn esaġerazzjoni kbira tal-ħamiem. Is-Sindku qal li forsi l-Kunsill jidentifika aktar zoni u jitkellem mar-resideti sabiex jingħata aċċess għal bjut u dan l-eżerċizzju jiżdied, iżda l-Kunsill għandu dejjem jikseb l-approvazzjoni tas-sidien tal-bjut.

45.2.3 Is-Sindku nfurma li l-kiosk temporanja saret u se jibda' xogħol fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill jittama li x-xogħol ma jdumx ma jsir sabiex jiġi kollox an normal. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li kellu bumbardament mingħand ir-residenti dwar il-gabbana temporanja għaliex ir-residenti qed jaħsbu li se jkun hemm żewġ gabbani u mhux jifhmu li din hija biss temporanja. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ippropona li tinħareġ stqarrija uffiċjali fuq facebook dwar din il-gabbana temporanja.

45.2.4 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li Greenpak infurmat lill-Kunsill li nġabru madwar 100,000 tapp tal-plastik. Il-Kunsillier Buttiġieġ ħeġġeġ li din l-inizzjattiva

titkompla matul din is-sena u ħeġġeġ lill-membri sabiex iħeġġu lir-residenti jipparteċipaw aktar f'din l-inizzjattiva.

45.2.5 Is-Sindku nfurma li fis-seduti preċedenti kien semma' l-binja li mistennija tibda tintuża mil-Caritas fi Sqaq il-Kubrit, fejn kien hemm xi residenti li oġġezzjonaw għal dan il-proġett. Is-Sindku nfurma li kellu laqgħa mar-rappreżentanti ta' Caritas li kienu d-Direttur is-Sur Leonid McKay u l-E.T. il-President Emeritus Dr George Abela fejn spjegaw li din il-binja se tintuża bħala uffiċji tal-Caritas u se jkun hemm area għal Councilling għal dawk il-persuni u familjari li jkunu għaddejjin bil-programm ta' riabilitazzjoni. Is-Sindku, fid-dawl ta' dan kollu se jipproponi li rappreżentanti tar-residenti jiltaqgħu ma' Caritas sabiex jiddiskutu dan il-proġett flimkien.

45.2.6 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk kienx hemm xi risposti dwar it-talbiet imressqa minn Kuzey u dwar it-tneħħija ta' Reserved Parking fi Triq il-Franġiskani. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet għadha mingħajr risposta u se jkun qed tibgħat reminder.

**45.3 Karnival 2018**

45.4.1 Is-Sindku fakkar lill-membri fl-attivitajiet li se jsiru fl-okkażjoni tal-Karnival 2018. Is-Sindku nfurma li nżammet il-laqgħa mal-għaqdiet u l-Għaqda Armar Immakulata Kunċizzjoni offriet li minflok tagħmel il-karru, tarma z-zona ta' fejn se tinżamm is-serata bil-bnadar kif ukoll tarma bar. Is-Sindku nfurma wkoll li l-Ħamrun Scouts se jsellfu l-bouncing castle għal kids area, filwaqt li l-baned se jkunu qed jipparteċipaw f'din l-attivita' permezz tal-baned waqt il-parata.

Filwaqt li għall-Ħadd 11 ta' Frar hemm programm tajjeb ħafna. Is-Sindku spjega li l-Gvern Ċentrali sena wara sena qed juri fiduċja sħiħa f'din l-attivita', fil-fatt din is-sena l-Kunsill ingħata s-somma ta' €8,000. Is-Sindku spjega li din is-sena d-defile tinkludi 5 karrijiet, it-tlett baned Ħamruniżi, l-Guggen Band u din is-sena se ssir anke l-Qarċilla. Is-Sindku nfurma li kellu xi talbiet sabiex jarmaw stands bil-ħelu. Is-Sindku ppropona li d-defile tispiċċa Pjazza San Pawl u mhux fl-arena.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li kollox jinsab ippreparat u lest għas-Serata tas-Sibt.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li ġaladarba ma jkunx hemm eżaġerazzjoni ta' kiosks/stands, dawn il-bejjiegħa joħolqu atmosfera sabiħa wkoll. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-programmi tas-Sibt u l-Ħadd huma lesti u hemm jumejn mimlijin u j'alla l-temp jippermetti. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-għada s-Sindku kellu jkellem lill-Kappillan ħalli fl-eventwalita' li jkun il-maltemp, il-kompetizzjoni ssir fis-sala tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni.

**45.5 Ġimgħa l-Kbira 2018**

45.5.1 Is-Sindku nfurma li fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira se terġa' ssir il-play fuq iz-zuntier tal-Knisja, jitqassmu s-slaleb fit-toroq u jsir il-flyer tal-wirjiet

Is-Sindku talab lil membri sabiex jekk jafu xi persuni jistgħu jgħinu fil-ħjata tal-kostumi għall-pageant ikun apprezzat. Is-Sindku spjega li l-Għaqda tad-Drama Propera Augesco qed tagħmel dak kollu possibli sabiex ikollha vestwarju ġdid, iżda l-fondi huma li huma. Spjega wkoll li din il-pageant qed tiġbed ħafna żgħażagħ u hemm entużjażmu kbir fost dawk li se jipparteċipaw. Il-Kunsillier Carmen Borg offriet l-għajnuna tagħha minkejja l-limitazzjonijiet tagħha. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk ġietx avviċinata s-Sinjura Stella Runza.

Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li fil-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira jaf ikun hemm il-Wirja fis-sala tal-Kunsill, sabiex l-atturi joqgħodu ftit attenti.

**45.6** Evaluation Board Committee Members

45.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mill-1 ta' Jannar 2018 kien hemm tibdil fil-liġi tal-Public Procurement fejn il-Kunsill huwa marbut li jaħtar persuni barranin u kwalifikati sabiex ikunu membri tal-bord tal-evalwazzjoni tat-tenders.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġew innominati s-Sur Pierre Mangion bħala Accountant, Dr David Farrugia Sacco bħala Avukat u l-Perit William Lewis bħala l-Perit tal-Kunsill.

**45.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 33.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**45.8 Mozzjoni Nru. 2 tal-2018**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda Mozzjoni nru 2 tal-2018.

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Efrem Buttiġieġ.

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**45.9 Informazzjoni Oħra**

Is-Sindku nfurma li ltaqa' ma' Farsons fejn qed joffru s-somma ta' € 7000 għal proġett fil-lokalita'. Is-Sindku nfurma li ltaqa' ma Mariorick __________ fejn qed jiproponi li dan il-fond jintuża għar-restawr tal-artal ta' San Gejtanu. Wara diskussjoni dwar dan il-fond, ġie maqbul li l-Kunsill jiffoka li jsir proġett fit-toroq tal-lokalita' sabiex jitgawda mill-poplu Ħamruniż kollu. Is-Sindku stieden lill-membri sabiex jaħsbu x'tip ta' proġett jista' jsir sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**45.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, ***<u>it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2017</u>***

*<u>Iffirmata</u>*
Christian Sammut
Sindku

*<u>Iffirmata</u>*
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv